FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 29 TA' SETTEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Jurgen Vella

vs

Angelo Abela

Domnic Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati detenturi tal-karta tal-identita numru 117872M u 179972M rispettivament:

1. Akkuzati talli nhar l-10 ta' Frar 2012 ghal habta tat-15:00 gewwa Prettoria Bar li jinstab gewwa Misrah tas-Suq hal Tarxien u f' dawn il-gzejjer, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema valur ma jecedix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) ghal detriment ta' Annunziato Pace minn Rahal Gdid.

2. Lil Angelo Abela wahdu talli fl-istess hin lok u cirkostanza ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Annunziato Pace minn Rahal Gdid b'arma irregolari hekk kif iccertifika Dr. Anton Mifsud Med Reg 1732 mic-centru tas-sahha tal-Floriana.

3. U aktar talli li bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw lil Annunziato Pace biza' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija flartikolu 222(1).

4. Talli ukoll għad illi kienu xurbana, qallu fil-pubbliku xi kliem oxxeni jew indeċenti, jew għamlu atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;

5. Ukoll talli b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il- Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

6. B 'hekk Angelo Abela sar recidivi b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat li l-prosekuzzjoni qed tirrinunzja u tirtira l-akkuza numru 3 li titratta dwar ksur tal-Artikolu 251(b) erronjamnet indikata bhala artikolu 222(1).

Ikkunsidrat:

Semghat lill-imputati jammettu l-akkuzi fuq liema insistew anke meta l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibhom u tiddikjarahom hatja.

Tiddeciedi:

1. fil-konfront tal-imputat Dominic Bonnici Artikolu, li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal 3 snin.
2. fil-konfront ta' Angelo Abela li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 testendi z-zmien ta' prigunerija sospiza ta' sitt xhur ghal sena ohra mill-lum.

It-tnejn ghandhom ihallsu €450 spejjez bejniethom pagabbli lil Annunziato Pace tramite l-ufficju tal-Ufficjal Prosekutur fi zmien tliet xhur.

Il-Qorti fehmet lill-imputati ir-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

A.M. Trigona.

Magistrat.